**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 413/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Jason Zammit**
**(ID 427373(M))**

**Illum, 25 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Zammit ta' 35 sena, iben Carmelo u Monica nee` Debono, residenti gewwa 145, Charlmon, Triq il-Hida, San Gwann, imwieled il-Pieta` fl-10 ta' Settembru 1973 u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 427373(M):

Akkuzat talli fis-27 ta' Mejju 2005 u (fuq talba tal-Prosekuzzjoni dwar korrezzjoni fic-citazzjoni originali milqugha mill-Qorti b'digriet tal-1 ta' Frar 2010) fl-ahhar tnax-il xahar qabel din id-data:

a) Biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, id-difiza iddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, salv ghax-xhieda ta' Oreste Zammit, liema xhieda din il-Qorti, kif preseduta, semghet sussegwentement fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2013;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex ikkontestati kienu s-segwenti: F'Mejju tas-sena 2005, fil-mori ta' investigazzjoni li kienet qeghda ssir fir-rigward tal-mewt, suspettata b'*overdose* tad-droga eroina, ta' certu Noel Xuereb, li sehhet fit-2 ta' Mejju 2005, il-Pulizija tkellmet ma' certu Oreste Zammit fl-4 ta' Mejju 2005, li stqarr illi huwa gieli xtara r-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat odjern. Sussegwentement, fis-26 ta' Mejju 2005, saret tfittxija gewwa l-vettura u r-residenza tal-istess imputat, minn fejn gew elevati b'kollox erba' bicciet tar-raza tal-*cannabis*, fost affarijiet ohrajn. A bazi tal-istqarrija guramentata ta' Oreste Zammit, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* u b'konsegwenza tal-oggetti misjuba fil-pussess tieghu, bir-reat ta' pussess aggravat tar-raza tal-cannabis.

<u>L-ewwel imputazzjoni – Traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*</u>

Kif inghad, din l-imputazzjoni hija bbazata fuq l-istqarrija ta' Oreste Zammit, rilaxxjata minnhu nhar l-4 ta' Mejju 2005 u x-xhieda sussegwenti tal-istess Oreste Zammit quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess gurnata.

Fl-istqarrija tieghu[1], Oreste Zammit jghid illi huwa ma jahdimx u jirregistra u jispjega x'ghamel fil-jum tat-2 ta' Mejju 2005, sakemm fil-ghaxija dakinhar stess saritlu tfittixija fir-residenza tieghu u gie arrestat. Mistoqsi dwar il-fatt illi waqt it-tfittxija, il-Pulizija sabu ammont ta' siringi godda, huwa qal illi dawn kienu ilhom hemm minn Ottubru jew Novembru tas-sena ta' qabel u li dawn kien juzahom biex jiehu l-eroina u illi matul l-ahhar sitt xhur, forsi uza l-eroina xi tliet darbiet. Qal ukoll illi ma xtaqx jghid minghand min kien jixtri l-eroina ghaliex ma xtaqx jixhed kontrih. Mistoqsi kienx jaf lil Noel Xuereb (ossia lill-mejjet), Zammit wiegeb fl-affermattiv u li kien jafu bhala persuna li ma kienx juza l-eroina. Jaf li kien juza l-i*smoke* u li forsi meta kien jinqabad minghajr *smoke*, kien jahraq xi naqra *smack*. Qal illi huwa qatt ma ta eroina lil Noel, izda huwa stess gieli xtara xi bicca *smoke* minghand Noel u li l-ahhar li kien xtara kien madwar sena u nofs qabel. Mistoqsi minn fejn Noel seta' akkwista l-eroina, huwa wiegeb hekk: "*Jiena ma nistax nghid minn fejn seta' akkwista l-eroina Noel, izda naf li hu il-mara ta' Noel, ittaqab ukoll, u dan ghamel xi zmien joqghod ma' Noel. Jiena qatt ma rajt lill Jason jghati l-eroina lill Noel, izda nissuspetta li seta' kien hu. Jiena smghajt ukoll li Jason ihawad fl-eroina u cert li ihawad fis-smoke ghax gili bieghli xi bicca*". Qal ukoll illi l-ahhar li dan Jason kien bieghlu l-i*smoke* kien xi sena ilu ossia Mejju u Gunju u li b'kollox bieghlu darbtejn. Mistoqsi jekk Jason ghandux xi laqam, qal li jaf li jghidulu Jason ta' Mona.

Dakinhar stess ossia fl-4 ta' Mejju 2005, l-istess Oreste Zammit irrilaxxja xhieda guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[2] Huwa kkonferma li l-istqarrija li giet murija lilu giet rilaxxjata minnu u kkorega xi partijiet minnha, wara li l-Magistrat Inkwirenti regghet qratlu l-istess stqarrija. Il-parti li giet korretta minnu tirreferi ghal dak li huwa kien qal fl-istqarrija tieghu dwar kif qatta' l-jum tat-2 ta' Mejju 2005 qabel gie arrestat mill-Pulizija. Sussegwentement, huwa jghid hekk: "*Rigward dak li ghidt fl-istqarrija tieghi li jien bqajt d-dar mill-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar 'l hemm sakemm gew il-Pulizija u gabruni, nikkonfermaha. Meta jien semmejt l-persuna ta' Jason, ridt infisser li dan hu hu l-mara ta' Noel. Dan maghruf bhala Jason ta' Mona. Nghid li naf li dan Noel ihawwad fid-droga ghaliex effettivament gieli biegh lili wkoll. Xtrajt d-droga smoke minghandu s-sena li ghaddiet ...*".

Dwar din ix-xhieda guramentata, id-difiza tissottometti illi effettivament Oreste Zammit baqa' ma kkonfermax il-kontenut tal-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dwar dan il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm huwa minnu li

---

[1] Esebita a fol. 9 tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 15 tal-process.
[2] A fol. 5 u 6 tal-process verbal.

mkien ma gie mnizzel testwalment illi apparti dik il-parti tal-istqarrija li giet korretta minnu, Zammit kien qed jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu, biss fil-fehma tal-Qorti, huwa car mill-kontenut ta' din ix-xhieda, illi Zammit kien qed jikkonferma l-bqija tal-kontenut tal-istqarrija tieghu. Fil-fatt dwar l-imputat, huwa jerga' jispjega illi dan huwa hu l-mara tal-mejjet u maghruf bhala Jason ta' Mona – fatti li diga` kien indikahom fl-istqarrija tieghu u jerga' jikkonferma illi Noel ossia l-mejjet gieli bieghlu l-i*smoke* ukoll.

L-istess Oreste Zammit imbaghad xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2010, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta. Minkejja illi d-difiza, sussegwentement, talbet lil din il-Qorti, kif preseduta, sabiex dan ix-xhud jerga' jixhed mill-gdid quddiemha, l-istess difiza ghamlet referenza ghal din ix-xhieda fit-trattazzjoni taghha u ghaldaqstant, il-Qorti qeghda wkoll taghmel referenza ghaliha. F'din ix-xhieda, meta gie ssuggerit lilu mill-Ufficjal Prosekutur illi fis-sena 2005, huwa kien qal lill-istess Ufficjal Prosekutur illi gieli kien xtara xi raza tal-*cannabis*, Zammit wiegeb b'referenza ghall-imputat "*gieli taghni hux, mhux xtrajt*" u "*imma qatt ma tajtu flus taghha*".[3] Qal ukoll illi l-imputat ma kienx jaghtih ta' kuljum, izda tah xi darbtejn. Meta mistoqsi jiftakarx li ghamel stqarrija guramentata, qal li kien jiftakar xi haga u meta l-Qorti wissietu li setghet tordna l-arrest tieghu 'biex forsi jiftakar ahjar', ix-xhud wiegeb li jaf li kien arrestat. Qal li ma kienx jiftakar bl-amment x'kien qal fl-istqarrija tieghu ghaliex kien nesa. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija li rrilaxxja fl-4 ta' Mejju 2005, inkluz ukoll ghalhekk ghal dik il-parti fejn qal illi l-imputat bieghlu l-i*smoke* f'Mejju/Gunju 2005 f'zewg okkazzjonijiet, huwa kkonferma din l-istqarrija fl-intier taghha.

Fuq talba tad-difiza, kif inghad izjed 'il fuq, il-Qorti kif preseduta semghet ix-xhieda tal-istess Oreste Zammit, li rega' xehed fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2013.[4] Mistoqsi dwar dak li kien xehed fis-sena 2005, huwa wiegeb li ma kienx jiftakar ghax ghadda z-zmien. Mistoqsi mill-Qorti kif kien involut f'dan il-kaz, huwa qal illi "*ahna forsi gieli konna npejjpu xi joint hux*"[5] u dan b'referenza ghalih u ghall-imputat. Qal illi huwa kien jaf lill-imputat billi kienu joqoghdu hdejn xulxin gewwa Tas-Sliema u skond hu, kienu hbieb u ghadhom hbieb. Qal illi l-imputat gieli "*ixxerja mieghi. Jiena ma kienx ikolli flus hux*"[6] u dan b'referenza ghall-i*smoke* u cioe` haxixa. Qal li ma jiftakarx x'kien qal lill-Ispettur, li ghandu *breakdown* u li qieghed taht il-kura ta' psikjatra. F'dan l-istadju, il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-istqarrija ta' Zammit u b'mod specifiku ghal dik il-parti

---

[3] A fol. 21 tal-process.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 42 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 43 tal-process.
[6] A fol. 44 tal-process.

fejn huwa kien qal illi Zammit bieghlu l-i*smoke* f'zewg okkazzjonijiet u mistoqsi jekk jiftakarx dan id-diskors, huwa wiegeb fin-negattiv. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija fl-intier taghha, ix-xhud wiegeb li kien qed jaghraf il-firma tieghu fuqha, izda mistoqsi jekk kienx jiftakar li kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa rega' wiegeb fin-negattiv.

In kontro-ezami, ix-xhud jikkonferma li kien jaf lil Noel li jissemma fl-istqarrija tieghu, li l-istqarrija tieghu ttiehdet in konnessjoni mal-mewt ta' Noel u li l-mewt tieghu kienet suspettata li sehhet b'*overdose* tal-eroina. Mistoqsi kienx jaf min hu z-Zuki, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li dan bniedem li juza, li huwa jahseb li hu dizonest u li lilu ghamillu l-hsara. Mistoqsi dwar il-hsara li kien qieghed jirreferi ghaliha, ix-xhud wiegeb illi huwa kien gie arrestat in konnessjoni mal-mewt ta' Noel. Meta gie ssuggerit lilu illi l-istqarrija rilaxxjata minnu ma kellha x'taqsam xejn mal-imputat, izda li huwa kien qed jigi investigat ghaliex kien hemm suspett li huwa kien involut fl-omicidju involontarju ta' Noel, ix-xhud wiegeb "*Fuq hekk gabuni kienu*".[7] Qal illi x'qal dakinhar li gie arrestat ma jafx, izda jaf li kien gie arrestat in konnessjoni ma' din il-mewta u fi kliemu "*ma tantx tista' tinsa li ser tmur taghmel xi 10 snin habs*".[8] Meta gie ssuggerit lilu illi huwa jemmen jew inkella dak iz-zmien kien jemmen illi l-imputat kien il-persuna li seta' semmieh mal-pulizija fis-sens illi seta' kien hu li ta l-eroina lil Noel, huwa wiegeb hekk "*Kien hemm hux certu dana. Dak iz-zmien il-kaz kien naqra jahraq u smajt xi affarijiet ukoll minghand certu nies li qed jaghmluli l-hsara, tal-familja tieghu*"[9] (b'referenza ghall-familja tal-imputat) u qal li "*nahseb li grat certu hsara minn hemm hux*".[10] Huwa kkonferma dak suggerit lilu illi din kienet il-hsara li seta' kien qed jghamillu l-imputat li kien qed jipprova jimplikah fil-mewt ta' Noel u li dan kien il-hsieb tieghu dak iz-zmien.

F'dawn il-proceduri, giet esebita l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fis-27 ta' Mejju 2005.[11] Meta gie ssuggerit lilu illi l-Pulizija kellha l-provi illi huwa qed jitraffika r-raza tal-cannabis, huwa wiegeb li dan mhux minnu u illi ghalkemm huwa minnu li jpejjep (il-cannabis), huwa ma jitraffikax. Huwa nnega wkoll dak suggerit lilu fis-sens illi xi sena/sena u nofs qabel, Noel u hu kienu qeghdin jitraffikaw ir-raza tal-cannabis. Mistoqsi dwar it-tliet bicciet raza tal-cannabis li nstabu fil-pussess tieghu fil-jum ta' qabel, l-imputat wiegeb li din kienet ghall-uzu tieghu.

---

[7] A fol. 50 tal-process.
[8] A fol. 50 tal-process.
[9] A fol. 50 tal-process.
[10] A fol. 51 tal-process.
[11] A fol. 18 *et seq* tal-process.

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri.[12] Huwa qal illi huwa kien gie arrestat fis-27 ta' Mejju 2005 u li dan il-kaz beda meta miet ir-ragel ta' ohtu, Noel, b'*overdose* u l-persuna li kienet mieghu meta miet, certu Joseph iz-Zuki, semma mal-pulizija, zewgt ahwa li minghandhom seta' xtara d-droga l-mejjet. Qal illi huh (ossia hu l-imputat), certu Noel Zammit, ghandu hanut, li l-genituri tieghu kienu jinzlu jghinuh f'dan il-hanut u li l-familjari tieghu semghu li x-xhud Oreste Zammit haseb jew sema' li l-familja tieghu (tal-imputat) kienu qed iwahhlu fih dwar il-mewt ta' Noel Xuereb. Fil-fatt, skond l-imputat, Oreste Zammit huwa wiehed miz-zewgt ahwa li kien semma z-Zuki bhala l-persuni li minghandhom il-mejjet seta' gab id-droga. Ukoll skond l-imputat, peress illi huwa (l-imputat) kien vicin tal-mejjet, Oreste Zammit haseb li l-pulizija kienu arrestawh (lill-imputat) ghaliex sa dakinhar ta' mewtu, huwa kien mal-mejjet u haseb ukoll li l-imputat kien qal li l-mejjet gab id-droga minghand l-ahwa Zammit. In kontro-ezami, l-imputat qal illi huwa minn Tas-Sliema, li kienu joqoghdu hdejn il-hanut (ta' huh) u li l-familja ta' Oreste kienu joqoghdu triq l-isfel u ghalhekk Oreste u hu kienu jafu lil xulxin, ghalkemm qatt ma kienu hbieb. Ikkonferma illi Oreste kellu problema tad-droga u li kien ipejjep il-cannabis, ghalkemm izjed qieghed fuq l-eroina.

In ezami, l-imputat jispjega kif huwa kien juza l-cannabis, l-ammonti li kien jixtri u x'kien il-vizzju tieghu ecc (dwar din il-parti tad-deposizzjoni tieghu, il-Qorti ser taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'l isfel fir-rigward tat-tieni imputazzjoni). In kontro-ezami, huwa nnega dak li qal Oreste Zammit dwaru fis-sens illi huwa tah xi raza tal-cannabis f'zewg okkazzjonijiet. Mistoqsi jekk Oreste qatt staqsieh jekk ghandux xi bicca, anke b'xejn, l-imputat wiegeb li gieli kienu jiltaqghu u Oreste jistaqsih ghandux xi *joint*. "*L-iktar l-iktar kont nkun qed inpejjep imma normalment ma kontx inpejjep barra jien, kont nghidlu ha nifs minn tieghi*".[13] L-imputat qal li qatt ma ta bicca raza lil Oreste. In ri-ezami, l-imputat qal ukoll illi lil Oreste kien ilu jafu minn meta kienu tfal u li meta l-imputat kien ghadu tifel, Oreste diga` kellu problema tad-droga, li Oreste ikbar minnu u li hu dejjem hekk jafu. Qal ukoll illi meta s-Surgent staqsieh kellux suspett dwar min seta' ghamel stqarrija fil-konfront tieghu, huwa qal li dak il-hin huwa stess semma lil Oreste ghax kien jaf li semmew lil Oreste in konnessjoni mal-mewt ta' Noel u kien jaf ukoll li Oreste kien gie arrestat u allura haseb fih.

**Ikkunsidrat ukoll:**

---

[12] A fol. 67 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 90 tal-process.

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ossia dik tax-xhud Oreste Zammit li fl-istqarrija guramentata tieghu jghid li l-imputat bieghlu r-raza tal-cannabis f'zewg okkazzjonijiet f'Mejju/Gunju 2004 u dik tal-istess imputat li jinnega illi huwa qatt biegh jew ta xi raza tal-cannabis lil Oreste Zammit jew lil haddiehor. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ix-xhieda ta' Oreste Zammit hija l-unika prova li ngabet f'dawn il-proceduri.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud tal-Prosekuzzjoni ossia Oreste Zammit. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs li kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Oreste Zammit f'dawn il-procedrui, u jidhrilha illi l-verzjoni originali ta' dan ix-xhud fis-sens illi huwa xtara r-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat f'zewg okkazzjonijiet, m'hijiex wahda kredibbli u dan ghal diversi ragunijiet. Jibda biex jinghad illi kif tajjeb sostniet id-difiza, l-istqarrija ta' Oreste Zammit ittiehdet fl-isfond ta'

investigazzjoni dwar il-mewt ta' terza persuna ossia Noel Xuereb u dan jumejn wara li sehhet din il-mewta. L-istess Zammit jammetti fix-xhieda tieghu illi dak iz-zmien huwa kien sema' u haseb illi l-familjari tal-imputat kienu qed jaghmlulu l-hsara u li l-imputat kien qieghed jimplikah bhala l-persuna li seta' forna lill-mejjet bid-doza tal-eroina li qatlitu. Ghaldaqstant, jidher car illi Oreste Zammit kellu kull interess li jimplika lill-imputat fil-bejgh tad-droga u dan izjed u izjed meta fl-istess stqarrija tieghu, huwa kien ghadu kif indika lill-imputat bhala l-persuna li huwa kien jissusspetta li ghadda l-eroina lill-mejjet. Anke l-mod kif fl-istqarrija tieghu, Zammit isemmi lill-imputat m'huwiex konvincenti – dan fis-sens illi fil-waqt illi x-xhud jghid illi huwa qatt ma ra lill-imputat jghaddi d-droga eroina lill-mejjet, biss fl-istess nifs jghid ukoll illi huwa jaf li l-imputat jittaqqab u ghalhekk kellu suspett li seta' kien hu. Huwa f'dan l-isfond li Zammit imbaghad jghid illi lilu l-imputat bieghlu r-raza tal-cannabis f'zewg okkazzjonijiet matul is-sena ta' qabel. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istess stqarrija, Zammit jghid ukoll illi ma xtaqx jindika minghand min kien jixtri l-eroina ghaliex ma xtaqx jixhed kontrih, izda mbaghad ma ddejjaq xejn isemmi lill-imputat bhala l-persuna li bieghitlu r-raza tal-cannabis f'zewg okkazzjonijiet. F'dan l-isfond u meqjusa dawn ic-cirkostanzi, din ix-xhieda ta' Zammit diga` tqajjem dubji serji.

Imbaghad, il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-inkonsistenza fix-xhieda ta' Zammit u d-diversi verzjonijiet moghtija minnu. Fl-ewwel xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, immedjatament hekk kif jibda jixhed jibdel il-verzjoni originali tieghu u jghid li huwa ma xtarax ir-raza minghand l-imputat, fis-sens illi huwa hallas ghaliha, izda li l-imputat tah ir-raza u dan f'xi zewg okkazzjonijiet. Sussegwentement, fl-istess seduta, meta ssirlu referenza ghall-istqarrija originali tieghu, inkluz ukoll dik il-parti fejn jghid illi l-imputat bieghlu l-i*smoke* f'zewg okkazzjonijiet, Zammit jerga' jikkonferma din il-verzjoni! Meta mbaghad xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta, apparti li kien reticenti ghall-ahhar fix-xhieda tieghu in ezami u skond hu, ma ftakar xejn minn dak li kien qal fl-istqarrija tieghu, lanqas meta din inqratlu, l-istess Zammit jghid illi l-imputat u hu gieli forsi kienu jpejjpu xi *joint* u li l-imputat gieli xxerja l-cannabis mieghu, ghaliex hu ma kienx ikollu flus.

Huwa evidenti ghalhekk illi Oreste Zammit kien inkonsistenti ghall-ahhar fix-xhieda tieghu u certament fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi u fl-isfond tac-cirkostanzi li wasslu ghar-rilaxx tal-istqarrija originali tal-istess Zammit, minnu sussegwentement guramentata, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali, a bazi biss ta' din ix-xhieda, illi l-imputat effettivament bieghlu r-raza tal-cannabis.

L-unika parti mix-xhieda ta' Zammit li tista' temmen din il-Qorti, hija biss dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn huwa jghid illi l-imputat gieli xxerja l-cannabis mieghu u dan biss ghaliex f'dan huwa korroborat mill-imputat stess li, fid-deposizzjoni tieghu, fil-waqt li jichad li huwa qatt biegh jew ta xi raza lil Zammit, jghid illi "*L-iktar l-iktar kont nkun qed inpejjep imma normalment ma kontx inpejjep barra jien, kont nghidlu ha nifs minn tieghi*". Din l-azzjoni tal-imputat ossia l-fatt li, kif jghid hu, kien jaghti xi nifs mill-*joint* tieghu lil Zammit, tammonta wkoll ghal traffikar, ghalkemm taqa' fil-parametri tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l'hekk imsejjah traffikar *by sharing*. Biss dwar dan, il-Qorti lanqas ma tista' tasal sal-konvinciment morali illi dan sehh fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni odjerna. Iz-zewg imputazzjonijiet li bihom jinsab akkuzat l-imputat jirreferu ghas-27 ta' Mejju 2005 u l-ahhar tnax-il xahar ta' qabel din id-data. L-ewwel imputazzjoni giet redatta f'dawn il-parametri a bazi tal-istqarrija guramentata ta' Oreste Zammit, li qal illi l-imputat bieghlu r-raza tal-cannabis xi sena qabel id-data tal-istess stqarrija u rrefera ghal Mejju u Gunju 2004. Il-Qorti tinnota madankollu illi kemm mix-xhieda ta' Zammit, kif ukoll minn dik tal-imputat jirrizulta li huma kienu ilhom jafu lil xulxin oltre minn dan, proprju ghaliex kienu jghixu fl-istess akkwati gewwa Tas-Sliema. In vista ta' dan u wkoll in vista tal-fatt illi l-imputat ma jirreferix ghal xi zmien partikolari meta huwa kien ta xi nifs mill-*joint* tieghu lil Zammit u stante wkoll illi l-Qorti ma tqisx ix-xhieda ta' Zammit bhala wahda kredibbli, salv kif inghad fejn gie korroborat mill-imputat, il-Qorti tqis illi ma tistax toqghod <u>biss</u> fuq il-verzjoni tal-istess Zammit sabiex tasal ghaz-zmien meta sehh dan l-att ta' traffikar *by sharing* da parti tal-imputat, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>It-tieni imputazzjoni – pussess aggravat tar-raza tal-cannabis</u>

L-imputat gie mixli b'dan ir-reat in vista tas-sejba ta' bicciet tar-raza tal-cannabis fil-pussess tieghu u dan meta saritlu tfittxija fil-vettura u fir-residenza tieghu nhar is-26 ta' Mejju 2005.

Mix-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino u PS 1086 Johann Micallef[14], jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat gie mwaqqaf mill-imsemmija Ufficjali tal-Pulizija hekk kif dahal fil-vettura tieghu u saret tfittxija fl-istess vettura, fejn mill-bieba gie elevat pakkett tas-sigaretti li kien fih zewg bicciet raza tal-cannabis.

[14] A fol. 26 *et seq* tal-process u a fol. 30 *et seq* tal-process rispettivament.

Sussegwentement, gewwa r-residenza, mill-kamra tas-sodda tieghu gew elevati bicca raza tal-cannabis, xi *foil* mahruq, *straw*, mizien elettroniku u xi pilloli.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[15] jirrizulta illi l-imsemmi espert inghata s-segwenti dokument ghall-analizi:

i. Envelop li fih borza tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 26-05-05 Hin 11:30am Elevat/i <u>minn gewwa l-kamra tas-sodda</u> fil-presenza ta' Jason Zammit minn PS 1086, PC 1220; (ii) 3 bicciet *aluminium foil* li 2 minnhom kellhom xi toqob u ticpis ta' lewn iswed (iii) *straw* (iv) 3 bicciet plastic trasparenti vojta – kodici tal-esebit 204_10_01;

ii. Envelop kannella li fih: (i) karta bil-kliem Data 26-05-05 Hin 11:30am Elevat/i <u>minn gewwa l-kamra tas-sodda</u> fil-presenza ta' Jason Zammit minn PS 1086, PC 1220; (ii) *pocket* tad-drapp ta' lewn iswed; (iii) kontenitur tal-plastik ta' lewn ahmar li fih xi sustanzi ta' lewn kannella; (iv) sustanza ta' lewn kannella go *aluminium foil*; (v) sustanza ta' lewn kannella u (vi) sigarett mibrum – kodici tal-esebit 204_10_02;

iii. Envelop kannella li fih: (i) karta bil-kliem Data 26-05-05 Hin 11:00am Elevat/i <u>minn gewwa l-karozza</u> fil-presenza ta' Jason Zammit minn PS 1086, PC 1220; (ii) sustanza ta' lewn kannella go *aluminium foil*; (iii) sustanza ta' lewn kannella go *aluminium foil* u (iv) pakkett tas-sigaretti vojt – kodici tal-esebit 204_10_03;

iv. Envelop kannella li fih: (i) karta bil-kliem Data 26-05-05 Hin 11:30am Elevat/i <u>minn gewwa l-kamra tas-sodda</u> fil-presenza ta' Jason Zammit minn PS 1086, PC 1220; (ii) mizien ta' lewn blu li kien jahdem.

Fir-relazzjoni tieghu, l-istess espert jikkonkludi s-segwenti:

(a) Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokumenti 204_10_02 u 204_10_03, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-cannabis. Il-piz total ta' dawn is-sustanzi kien ta' 9.70 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 8%. Mill-istess relazzjoni (pagni 4 u 5), jirrizulta wkoll illi s-sustanzi fl-esebit 204_10_02 ossia dawk misjuba fil-kamra tas-sodda kellhom piz rispettiv ta' 1.91 grammi u 0.13 grammi, fil-

[15] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 35 tal-process.

waqt illi s-sustanzi fl-esebit 204_10_03 ossia dawk misjuba fil-karozza, kellhom piz rispettiv ta' 3.82 grammi u 3.84 grammi;

(b) Illi fuq *swabs* mehuda minn *straw* u mill-plastik fid-dokument 204_10_01, instabet is-sustanza Kokaina;

(c) Illi fuq estratt mehud mis-sigarett mibrum fid-dokument 204_10_02 instabu s-sustanzi *Tetrahydrocannabinol*, li tigi mill-pjanta tal-cannabis u eroina.

Jirrizulta wkoll illi l-*aluminium foil* fid-dokument 204_10_01, il-*pouch* iswed u l-mizien kienu negattivi ghal sustanzi lleciti.

Dwar din is-sejba, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fis-27 ta' Mejju 2005[16], l-imputat jghid illi r-raza tal-cannabis kienet ghall-uzu tieghu u meta gie ssuggerit lilu illi l-Pulizija rawh jahbi l-pakkett tas-sigaretti li fih instabu bicctejn raza tal-cannabis fil-bieba tal-vettura, huwa jghid illi din ir-raza diga` kienet tinsab fil-bieba. Mistoqsi juzax l-eroina, huwa qal illi kien juzaha daqs tmien xhur qabel u li kien ilu tmien xhur *clean*. B'kollox kien ilu juza l-eroina xi erba' snin u li kien rega' beda jiehu l-eroina xi sena u erba' xhur qabel. Baqa' jiehu l-eroina ghal erba' xhur u waqaf u li issa *clean.* Huwa nnega li kien jittraffika r-raza tal-cannabis, ghalkemm jghid li kien juzaha huwa stess u meta gie ssugerit lilu illi jittraffika l-eroina, huwa wiegeb li dan ma kienx minnu u li lanqas kien qieghed ihares lejha. Jghid ukoll illi kien ilu juza r-raza tal-cannabis daqs kemm kien ilu juza l-eroina. Fl-istess stqarrija, l-imputat jghid illi huwa jahdem ma' certu Toni, li mhux dejjem jahdem l-istess mieghu, ghalkemm gieli hadem gimgha shiha u li jircievi beneficcji socjali ta' Lm170 fix-xahar. Qal ukoll illi meta Toni jkollu bzonnu, dan icempillu jew inkella jcempel l-imputat stess fuq in-numru tac-cellulari ta' Toni, liema numru l-imputat ipprovdieh ukoll.

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat xehed f'dawn il-proceduri dwar l-uzu tieghu tal-cannabis u l-vizzju li kellu fiz-zmien in kwistjoni.[17] Huwa jghid illi f'dan iz-zmien huwa kien ilu xi tmien xhur *clean* mill-eroina. Jghid ukoll illi huwa kien jahdem ma' certu Toni fuq restawr tad-djar u li ma kienx jahdem dejjem l-istess, ghalkemm generalment kien jahdem il-gimgha kollha. Madankollu, kien hemm perjodu fejn Toni kien icempillu u jghidlu li m'ghandux bzonnu jew gieli kien icempillu biex jghidlu biex jidhol u gieli cempillu l-imputat ukoll. Jghid illi dak iz-zmien kien jircievi wkoll l-ghajnuna socjali fis-somma ta' Lm175 fix-xahar. Toni

[16] A fol. 18 *et seq* tal-process.
[17] A fol. 67 *et seq* tal-process.

kien ihallsu Lm15 kuljum u normalment kien jaqbad Lm75 fil-gimgha. Dak iz-zmien huwa kien jghix ma' ommu u missieru fir-residenza taghhom. Jghid illi huwa kien jabbuza mill-cannabis wara li qata' l-eroina u li bejn wiehed u iehor darba fix-xahar, kien jixtri erba' bicciet u cioe` bicca ghal kull gimgha. Normalment kien jixtri din ir-raza minn hdejn id-Detox. Jghid illi huwa kien jipprova jevita l-kuntatt ma' dawn in-nies u kien jibza' jmur jixtri minhabba r-riskju li jinqabad u ghalhekk kien jixtri darba wahda ghal xahar shih. L-imputat jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, kien ikun hemm hafna nies quddiem id-Detox u meta persuna tmur ghall-mistura, kienet issib it-tentazzjoni barra. Jghid illi huwa kien jiehu l-methadone dak iz-zmien. Huwa kien jixtri r-raza tal-cannabis darba kull erba' gimghat kemm sabiex, kif jghid qabel, ma jkollux kuntatti kull gimgha, kif ukoll sabiex tigih irhas u dan ghaliex minflok Lm40, kien ihallas Lm35 ghaliex jixtri erba' bicciet f'daqqa. Kull bicca kien ikollha piz ta' bejn 3.5 grammi u 4 grammi. L-imputat jghid li dak iz-zmien ommu kienet qisha seqer fuqu u kienet tarmilu d-droga kollha li kienet issiblu. Skond hu, ommu kienet taghmel minn kollox biex issiblu d-droga u ghalhekk kien ihalliha fil-karozza ghax ommu ma kinitx tiftahha jew tidhol fiha. Dwar id-droga misjuba fil-pussess tieghu, huwa jghid illi dawn kien diga` beda juza minnhom. Instabulu bicctejn gewwa pakkett tas-sigaretti fil-karozza, ghaliex kien jahbihom hemm. Jispjega li meta kien jixtri erba' bicciet, huwa kien itella' wahda mieghu d-dar u jaqsamha, kien ihalli nofs gewwa *pocket* li kellu u n-nofs l-iehor kien juza minnu u jhallih f'rokna fil-kexxun biex jekk ommu ssibha u tarmiha, almenu tarmilu bicca zghira u mhux kollox. Jispjega li ghalhekk fil-karozza kien hemm il-bicctejn il-kbar li kien ghadu ma qasamx u ma uzax. Jghid illi l-bqija tal-oggetti elevati, gew misjuba fil-gradenza tal-kamra tas-sodda tieghu. Ir-raza kien irembilha fis-sigarett u jpejjipha u normalment kien ipejjep fit-tieqa tal-kamra tieghu. Jghid li kien ipejjep minn filghodu u jrembel bejn erbgha jew hames sigaretti kuljum – fil-weekend dawn kien jaghmilhom zgur, ghalkemm meta kien ikun xoghol kien jaghmel inqas. Jghid ukoll illi s-sustanza bil-piz ta' 1.91 grammi kienet in-nofs li kien qasam, fil-waqt li s-sustanza bil-piz ta' 0.13 grammi kienet in-nofs li kien qed juza, li minnha kien fadal l-ahhar ftit. Jghid illi jista' jkun li din waqghetlu waqt li kien qed jobrom u li fil-kexxun kien hemm il-frak, ghaliex kien jaqghalu waqt li jkun qed jobrom.

In kontro-ezami, rigward il-mizien elettroniku li nstab fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi dan kien juzah sabiex jiccekkja l-piz tad-droga fil-mument li jakkwistaha. Jghid illi dan uzah biss xi erba' jew hames darbiet u li fil-fatt kien merfugh fil-gradenza u li kien ghadu gdid. In ri-ezami, imbaghad, l-imputat jghid illi huwa kien jizen id-droga dak il-hin bil-*foil* b'kollox u jnaqqas gramma tal-*foil*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi nhar is-26 ta' Mejju 2005, l-imputat instab fil-pussess ta' erba' bicciet raza tal-cannabis. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-pussess aggravat ta' din id-droga, ghaliex skond it-tezi tad-difiza, jirrizulta mill-provi u mic-cirkostanzi li fihom din instabet, illi din kienet ghall-uzu esklussiv tal-imputat. L-ezercizzju li ghandha twettaq din il-Qorti, ghalhekk, huwa illi tiddetermina jekk, mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, tistax hija tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi c-cirkostanzi li fihom instabet l-istess droga juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat ai termini tat-tieni imputazzjoni.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi jibda biex jinghad illi l-piz totali tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, ghalkemm ma huwiex xi wiehed negligibbli, lanqas ma jista' jinghad illi jikkostitwixxi xi ammont li necessarjament imur oltre l-uzu personali. Li l-imputat kien jikkonsma huwa stess mir-raza tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu, kif

jghid kemm fl-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, huwa kkorroborat bil-fatt illi fil-gradenza tal-kamra tas-sodda tieghu, instab sigarett mibrum li kien jikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, apparti bicca zghira raza tal-cannabis fil-piz ta' 0.13 grammi. Fil-fehma tal-Qorti, l-unika elementi li jistghu jitqiesu bhala cirkostanzi li jindikaw il-pussess bl-aggravanti tar-raza tal-cannabis, huma s-sejba ta' zewg bicciet raza tal-cannabis ta' piz kwazi identiku (3.82 grammi u 3.84 grammi) fil-bieba tal-vettura tal-imputat u tal-mizien fil-kamra tas-sodda tieghu. Biss fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ma tqisx illi dawn huma fatturi li jistghu wahedhom iwassluha sal-grad tal-konvinciment morali illi din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' lill-imputat jixhed quddiemha fit-tul u ghalhekk setghet tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tghid illi deher genwin fid-deposizzjoni tieghu u illi kien konsistenti, anke mal-istqarrija originarjament rilaxxjata minnu. In oltre ix-xhieda tieghu kienet ukoll korroborata mic-cirkostanzi li fihom instabu l-oggetti li gew elevati fil-jum in kwistjoni. Is-sustanza misjuba fil-kexxun tal-gradenza tal-kamra tas-sodda tal-imputat kienet tikkonsisti in kwantu bicca f'piz ta' 1.9 grammi u ghalhekk approssimattivament nofs il-piz tal-bicciet misjuba fil-vettura tieghu u in kwantu bicca zghira ohra f'piz ta' 0.13 grammi. Dan jikkorrobora dak li jghid l-imputat fis-sens illi huwa kien jaqsam bicca bhal dawk misjuba fil-vettura tieghu – li kellhom piz ta' 3.82 grammi u 3.84 grammi rispettivament - ihalli nofs fil-kexxun u juza n-nofs l-iehor. Il-bicca raza bil-piz ta' 1.9 grammi fil-fatt instabet fil-kexxun tal-gradenza imrembla fil-*foil*, fil-waqt illi l-bicca raza li huwa jghid li kien qed juza – dik ta' 0.13 grammi – ma kinitx hekk merfugha. Li omm l-imputat kienet tarmilu d-droga li kienet issiblu lanqas ma huwa improbabbli jew inattendibbli u dan huwa kompatibbli mal-fatt illi l-imputat kien izomm l-ikbar bicciet tad-droga fil-vettura tieghu, fejn ommu ma kinitx tfittixlu. Huwa anke attendibbli l-fatt illi l-imputat kien jixtri provvista tal-cannabis ghal xahar shih, fl-ewwel lok sabiex ma jaghmilx kuntatt frekwenti ma' spaccaturi tad-droga u fit-tieni lok, anke ghaliex id-droga hekk kienet tigih irhas. Imbaghad, jekk wiehed iqis illi doza cannabis generalment tikkonsisti f'0.2 grammi u li ghalhekk minn 3.84 grammi (il-piz ta' wahda mill-bicciet misjuba fil-vettura), l-imputat seta' johrog bejn 19 u 20 *joint*, dan l-ammont m'huwiex inkompatibbli mal-uzu fil-gimgha li l-imputat jghid li kien jaghmel mill-cannabis. In oltre, fid-dawl tal-fatt illi l-imputat kien jippercepixxi beneficcji socjali ta' Lm170 jew Lm175 fix-xahar u kien anke jahdem fir-restawr tad-djar (ghalkemm meta wiehed iqis dak li qal fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu rigward dan l-impjieg, jidher illi hemm diskrepanza fis-sens illi fix-xhieda tieghu huwa jghid li bhala regola kien jahdem gimgha shiha, mentri fl-istqarrija jghid illi '*gieli*' hadem gimgha shiha) u d-droga li kien jixtri fix-

xahar kienet tikkonsisti f'erba' bicciet tar-raza fil-piz ta' bejn 3.5 grammi u 4 grammi 'il wiehed, ma jirrizultax illi l-imputat kellu xi bzonn impellenti li jbiegh id-droga sabiex isostni l-vizzju tieghu. Veru wkoll illi fis-sigarett mibrum li nstab fil-kexxun tal-gradenza, instabet mhux biss is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, izda anke l-eroina, meta l-imputat jghid li kien ilu *clean* mill-eroina xi tmien xhur, izda fl-ewwel lok, il-Qorti m'ghandhiex prova dwar kemm kien ilu fil-kexxun dan is-sigarett (anke tenut kont tal-fatt illi l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara (dak iz-zmien Supretendent) jiddeskrivi dan fix-xhieda tieghu bhala 'loqma ta' sigarett'[18]) u fit-tieni lok, anke jekk l-imputat kien ghadu jmiss l-eroina, kuntrarjament allura ghal dak li jghid fl-istqarrija u fid-deposizzjoni tieghu, il-Qorti ma ssibx provi sufficjenti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li jwassluha biex tikkonkludi li l-pussess tar-raza tal-cannabis kien wiehed aggravat. Irid jinghad ukoll illi lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ohrajn, bhal per ezempju, qratas, boroz tal-*plastic* vojta jew *foil* imqatta' (hlief ghat-tliet bicciet *foil* li nstabu fil-gradenza li, ghalkemm kienu negattivi ghal sustanzi illeciti, kienu wzati ghaliex kienu mtaqqbin u kellhom ticpis ta' lewn iswed) li fihom solitament tinbiegh id-droga, xi noti li jindikaw numri tat-telefon jew ismijiet ta' klijenti tad-droga jew affarijiet simili jew messaggi jew telefonati fuq il-*mobile* tal-imputat, u dan minkejja illi mill-istqarrija rilaxxjata minnu jidher illi l-imputat kellu *mobile* u li dan kien fil-pussess tieghu fil-presenza tal-pulizija, liema *mobile* baqa' ma giex esebit x'aktarx ghaliex fih ma nstab xejn suspettuz.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi, izda qed issib lill-imputat hati tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, kompriz u involut fir-reat ta' pussess bl-aggravanti.

## **Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Marzu 2014, liema fedina penali m'hijiex wahda allarmanti u tikkonsisti f'kundanna wahda dwar pussess ta' droga, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' multa.[19]

Qieset ukoll illi r-raza misjuba fil-pussess tal-imputat kellha piz ta' 9.7 grammi u purita` ta' cirka 8%.

---

[18] A fol. 17 tal-process.

[19] Ara l-fedina penali a fol. 55 tal-process. Il-fedina penali esebita a fol. 4 *et seq* tal-process tirreferi ghal Jason Zammit, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 537375(M) li m'huwiex l-imputat odjern.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-progress li jidher li ghamel l-imputat miz-zmien tal-kaz odjern u li skond ix-xhieda tieghu, illum jinsab *clean* mis-sustanzi illeciti kollha. Jidher illi l-imputat jghix hajja stabbli u anke ghandu mpjieg fiss. In oltre il-Qorti qieset illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005, li l-imputat dejjem deher f'dawn il-proceduri u li ghalkemm kien hemm seduti li fihom kienet id-difiza li talbet differiment, biss il-proceduri damu biex inbdew sas-sena 2010 u ghalhekk id-dewmien kien dovut fil-maggor parti tieghu ghal dan il-fatt u mhux ghal xi nuqqasijiet jew ragunijiet attribwibbli lill-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt li qed issibu hati tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, kif kompriz u nvolut fit-tieni imputazzjoni, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti m'hijiex qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi r-reat in kwistjoni sehh qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu u ma saritx talba ghall-hlas ta' tali spejjez da parti tal-Prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-imsemmija emendi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokumenti NC2, NC3, NC4, NC5 u NC6, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat